**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 26 ta' Gunju 2019**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Neil Harrison)**
**(Spettur Neville Aquilina)**

**Vs**

**CARMEL SIVE CHARLES SPITERI**

**Kump Nru. 38/1997**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Carmel sive Charles Spiteri** ta' 36 sena iben Joseph u Stella nee' Schembri, imwieled Pieta fil-31 ta' Mejju 1961, joqghod Blk. D Flat. 1 Triq Bertha K.ilg ta' Giorni u detentur tal-karta tal-identita numru 387261M, fejn gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-30 ta' Settembru 1997 u fl-ahhar sitt xhur qabel din id-data:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza, dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuna/i jew ghal persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939), jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija, minghajr

ma’ kien fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-6 taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew fjorni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicinii Perikoluzi, Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Ukoll talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura li jforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga u naqas li jipporova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Ukoll illi fit-30 ta’ Settembru 1997 u fl-ahhar sentejn qabel dina d-data ghamel lottu klandestin b’weghdiet lill-gugaturi ta’ premijiet ta’ flus jew ta’ haga ohra jew bil-mezz ta’ gbir ta’ sottoskrizzjonijiet ta’ gugati fuq komunikazzjonijiet ta’ numri li jaqblu ma’ dawk ta’ lottu pubbliku jew li jkunu bhalhom;

4. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi ghamiltha ta’ ricevitur ta’ gugati tal-lottu, minghajr awtorizazzjoni;

5. U nakkuzawk ukoll talli fl-istess data u cirkostanza laghbt gugata (football pools), sew bi hlas fil-pront jew bid-dejn bi ksur tal-Artikolu 16(3) Kap.131 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Ukoll talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta tal-21 ta' Novembru 1994.

7. Talli kkommetta r-reat tal-akkuza (a) u (b) fi jew gewwa distanza ta' 100 metru mill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh.

Il-Qorti hija mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjes u l-propjeta mobbli kollha li huma dovuti lill/jew jmissu lill-imputat jew huma propjeta tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-imputat milli jitrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi propjeta mobbli jew immobbli.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tas-27 ta' Gunju 2003 (ara *folio* 18 kif ukoll folio 11 u 12) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat;**

**Osservazzjoni Preliminari**

Illi dan il-process, bhal hafna ohrajn, kien gie distrutt minhabba nirien li kienu hakmu l-awla fejn kien qed jinzamm lura fis-sena 2004. Il-Qorti, diversament preseduta,

kienet allura ordnat li l-process jigi rikostruwit. Din il-Qorti trid necessarjament toqghod fuq ir-rizultanzi processwali wara tali rikostruzzjoni tal-process.

**Ikkunsidrat;**

Illi dak li rrizulta f'dan il-process kien bazikament is-segwenti;

**Xhieda ta' A.I.C. Richard Aquilina a fol. 90** li kkonferma li gie nnominat sabiex jaghmel pjanta tal-post fejn hu allegat li kienet instabet id-droga u sinjali li juru skejjel u postijiet fejn jingemghu z-zghazagh. Ix-xhud zamm access gewwa Triq Jean Houel, Ta' Giorni, San Giljan fit-3 ta' Dicembru 1997 fejn prezenti kien hemm PC579 Antoine Micallef li indika ezattament fejn sab il-flixkun tal-Bovril imdawwar bit-tape li eventwalment irrizulta li kien fih id-droga.

**Xehed PC10 Trevor Cassar Mallia fil-21 ta' Ottubru 2005 a fol. 98** fejn dan effettivament stqarr li fil- 30 ta' Settembru 1997, l-ispettur Neil Harrison kien baghat diversi membri tal-pulizija sabiex josservaw Triq Bertha Quay, Ta' Giorni, partikolarment ir-residenza tal-imputat. Spjega li ftit wara nnotaw Morris Marina fit-triq u xi membri tal-pulizija marru fuqha u ftit wara harget wkoll Maruti Gypsi bin-numru ta' registrazzjoni KAK 091. Ftit wara saret rejd gewwa ir-residenza tal-imputat fejn fil-front garden fil-hamrija rrizulta li PC579 kien sab bott tal-Bovril li kien fiha xi sustanza bajda suspettata kokaina.

**Xehed PS579 Antoine Micallef fil-21 ta' Ottubru 2005 a fol. 102** fejn spjega li fit-30 ta' Settembru 1997 flimkien ma membri tad-*drug squad* ghamlu tfittxija fir-residenza tal-imputat fejn mill-kcina kienet giet elevata kaxxa hamra li kien fiha flus. Waqt li saret tfittxija fil-*front garden* ix-xhud stqarr li kien hu illi sab il-bott tal-Bovril li go fih kien hemm borza bi trab abjad. Dan il-bott gie elevat mil-membri tal-forensika.

**Xehed PC1065 Neville Grech, fit-30 ta' Jannar 2006 a fol. 116** fejn qal li fit-30 ta' Settembru 1997 fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Neil Harisson, ix-xhud flimkien m'a PS1052 u PC138 kienu waqqfu karozza taht il-pitch ta' Regional Road tat-tip Maruti griza bin-numru ta' registrazzjoni KAK091. Fil-karozza kien hemm

prezenti Karl Muscat u Daniela Spiteri li tigi t-tifla tal-imputat u mil-karozza gew elevati mobile phone, xi *travellers cheques* u zewg qratas bi trab abjad.

**Xehed is-Supretendent Neil Harrison fil-13 ta' Novembru 2006 a fol. 165** fejn dan stqarr li lejn Settembru ta' 1997 rcevew informazzjoni li certu Charles Spiteri, l-imputat kien involut fit-traffikar tad-droga. Fit-30 ta' Settembru 1997 saret operazzjoni fejn il-pulizija PC10 osserva r-residenza tal-imputat u nnotat certu individwu li sostna li kien *runner* tal-imputat gej u sejjer regolarment ghar-residenza tal-imputat. Wara illi l-pulizija mmexija mix-xhud, intercettat zewg vetturi, u nstabet id-droga fuq z-zewg individwi involuti, l-pulizija ddecidiet li tintercetta u tinvestiga r-residenza tal-imputat.

Ix-xhud kien involut fit-tfittxija fejn rrizulta li kien hemm diversi cekkijiet li ammontaw ghal-€480, Lm6,000, flus barranin kif wkoll Salib tad-deheb. Qalb is-sigar fuq in-naha ta' barra tar-residenza gol-*front garden* instab vazett tal-bovril li kien fih madwar 50 gramma Kokaina. Zied li dan il-bott tal-bovril kien imdawwar b'xi tape u l-istess tip ta' tape instab gewwa r-residenza tal-imputat. Spjega wkoll li n-nies kollha li gew interrogati in konnesjoni mal-kaz ammettew illi kienu xtraw tali droga minghand l-imputat.

**Xehed George Bonello fil-13 ta' Novembru 2006 a fol. 173** fejn dan spjega li hu kien jixtri d-droga kokaina minghand l-imputat u filfatt kkonferma li kien hu li hareg c-cekkijiet li nstabu fir-residenza tal-imputat u li dawn kienu hlas ghal-kokaina. Kkonferma wkoll li kien imur jiltaqa mal-imputat fl-akkwati ta' San Giljan fil-Housing Estate. Kkonferma wkoll l-istqarrija tieghu rilaxxjata fl-istadju tal-interrogatorju fil-3 ta' Ottubru 1997 esebita a fol. 77.

**Xehed ex PS1052 Paul Scerri fit-28 ta Mejju 2007 a fol. 236** fejn dan ikkonferma u kkorrobora d-depozizzjoni tas-Supretendent Neil Harrison.

**Xehed is-Supretendent Neville Aquilina fil-5 ta' Mejju 2008 a fol. 251** fejn stqarr li fit-30 ta' Settembru 1997 hu u l-Ispettur Neil Harrison u diversi membri tad-*drug squad* ghamlu tfittxija fir-residenza ta' Carmelo Spiteri f' ta Giorni fejn irrizulta li fil-parapett taht il-haxix instab vazett tal-Bovril. Dan gie fotografat u elevat mill-membri tas-*Scene of Crime*. Irrizulta li l-vazett kien fih trab abjad li

wara rrizulta li kien effetivament kokaina. Ix-xhud kkonferma li waqt t-tfittxija li saret fir-residenza, l-imputat kien prezenti il-hin kollu.

**Xehed Karl Heinrich Muscat a fol 323 fejn spjega li fit-30 ta' Settembru 1997** huwa kien inqabad gewwa karozza ma’ Daniela Spiteri bint l-imputat taht il-mini tar-Regional road u kellu fil-pussess tieghu zewg grammi coke. Dan ikkonferma li kien sejjer sabiex ibiegh meta nqabad. Sostna li kien ghadu kemm telaq mill-gnien tar-residenza tal-imputat pero sostna li kien hbieha hu stess u li hadd ma tahielu.

**Xehed l-imputat Charles Spiteri fil-27 ta' Frar 2012 a fol. 371A** fejn spjega li huwa kien jaghmel xi xoghol ta' tibjid, katusi, madum, dak li jkun hemm bzonn. Spjega li hu kellu wkoll arrangament ma’ George Bonello fejn kien jghaddilu diversi xogholijiet. Sostna li c-cekkijiet li rcieva minghand Bonello kienu jirraprezentaw hlas ghal-tali xogholijiet. Spjega li minnn naha tieghu l-istqarrija ta' Bonello hija inkompatibbli mal-verzjoni tieghu minhabba li kellhom xi jghidu madwar 3 gimghat qabel l-incident in ezami minhabba li George Bonello kien ghamel xi tpingija fuq il-gisem ta' bint l-imputat u b'xi mod sema’ li kien gegheha tinza l-flok u tinza topless. Spjega li Karl Heinrich Muscat kien jigi t-tifel ta' oht il-mara tieghu kien jaf li kellu diversi problemi u ghalhekk kien hallieh jirrisjedi mieghu b'mod temporanju. Spjega li kien tella ammonti sostanzjali ta' djun minhabba li kellu vizzju tad-droga u diversi nies kienu jmorru jimmolestawh id-dar sabiex ihallas id-djun ta' Karl Muscat. Huwa stqarr b'insistenza li qatt ma biegh droga u li kemm Karl Muscat kif wkoll George Bonello li t-tnejn irreferew ghal-fatt li kienu jakkwistaw id-droga minghandu qeghdin jigdbu. Spjega li l-bott tal-Bovril instab fil-propjeta tieghu pero taht is-sigra fuq barra u mhux hu kien qeghdu hemmhekk.

Il-Qorti qieset ukoll id-depozizzjonijiet ta’ Noel Buhagiar (ara folio 256 *et sequitur*), ta’ Christopher Scerri (ara folio 303 *et sequitur),* ta’ George Bonello (ara folio 361), ta’ Daniela Spiteri (ara folio 371K *et sequitur*), ta’ Patrick Gauci (ara folio 371R *et sequitur*) u ta’ Albert Satariano (ara folio 399 *et sequitur*).

Dan hu bazikament il-korp tal-evidenza f’dan il-process.

**Ikkunsidrat;**

Illi minn ezami tar-rizultanzi processwali, l-Qorti hi tal-fehma li l-kaz tal-prosekuzzjoni jehtieg li jigi kompartimentalizzat sabiex il-kaz jigi kemm jista jkun issimplifikat u fatt ma jigix konfuz ma' iehor.

1. Ghal dak li jirrigwarda t-tielet (3) u r-raba (4) imputazzjoni, l-unika prova migjuba kienet tikkonsisti f'sejba ta' kaxxa hamra fil-kcina tar-residenza tal-imputat, f'liema kaxxa instab li kien hemm flus. Gew ukoll elevati mill-istess residenza, xi cheques u flus barranin.

Certament illi fir-rigward ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet, hemm mankanza ta' provi u konsegwentement l-imputat ma jistax jinstab hati taghhom.

2. Ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet (1) u (2), jidher li l-prosekuzzjoni ressqet is-segwenti zewg ipotezijiet u cioe:

A. L-ipotezi li George Bonello kien jakkwista d-droga kokaina minghand l-imputat u dan f'numru ta' okkazjonijiet. U konsegwentement, la darba l-imputat kien iforni d-droga lil George Bonello, necessarjament kien allura jkun fil-pussess ta' tali droga.

   u

B. L-ipotezi l-ohra, indipendenti mill-verzjoni tax-xhud George Bonello, hi li l-imputat kien fil-pussess tad-droga kokaina li kienet instabet fil-bott tal-Bovril, liema bott kien instab taht sigra fil-*front garden* fir-residenza tal-imputat. B'rabta ma' dan il-bott u l-kontenut tieghu, il-prosekuzzjoni temmen illi x-xhud Karl Heinrich Muscat kien, probabbilment kien jakkwista l-kokaina minn dan il-bott, bil-konsapevolezza tal-imputat, u li Karl Heinrich Muscat kien ibiegh minn din id-droga; u konsegwentement hu kien ir-*runner* ghall-imputat.

Wara li hasbet fit-tul u ezaminat bir-reqqa l-evidenza skond il-kriterji tal-process penali, l-Qorti hi tal-fehma illi l-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova sal-konvinciment morali, l-ewwel ipotezi (A). Din il-Qorti hi konvinta minn dak li qal ix-xhud George Bonello.

Mhux l-istess jista jinghad dwar it-tieni ipotezi (B). Ix-xhud Karl Heinrich Muscat li nqabad bid-droga kokaina, hu xhud li jidher li jigdeb u certament mhux ta' min jafdah. Mbaghad hemm is-sejba, tal-bott tal-Bovril bil-kokaina go fih, fil-front garden tar-residenza tal-imputat. Dawn il-provi mehuda flimkien jissarfu zgur fis-segwenti – illi probabbilment, x'aktarx iva milli le, li Karl Heinrcih Muscat kien ir-*runner* tal-imputat, jakkwista minghandu l-kokaina u jipprokuraha, ghan-nom tal-imputat lil terzi.

Pero, kif inhu stabbilit, il-grad tal-probabbli ma hux bizzejjed bhala grad tal-prova ghall-kaz tal-prosekuzzjoni. Ic-cirkostanzi tal-evidenza fir-rigward ma jhallux, oggettivament, li t-tieni ipotezi tizgancja mill-grad tal-probabbli u titla sal-grad tac-certezza morali.

U b'dan il-mod din il-Qorti qeghda tiddisponi mill-korp tal-provi riferibbilment ghat-tieni (B) ipotezi.

3. Ghal dak li jirrigwarda l-addebitu tar-recediva u l-aggravji tad-distanza, jigi osservat li l-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova dawn iz-zewg fatti skond il-ligi - ara f'dan is-sens fol.92 *et sequitur* (xhud Perit Richard Aquilina) u fol.29 Dok.8.

**Ikkunsidrat;**

Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena, din il-Qorti ma tistax ma tikkumentax dwar il-fatt tad-dewmien li ha dan il-kaz. Dan id-dewmien ma hux gustifikabbli. Minn naha l-ohra r-reat ta' traffikar ta' droga, bl-aggravju tad-distanza ta' inqas minn mitt (100) metru minn fejn komunament jiltaqghu iz-zghazagh, hu reat serju.

**DECIDE;**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI,** wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 16(3) tal-Kapitolu 131, l-Artikoli 12(2) u 13(2) u l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap.101 tal-Ligijiet ta'; Malta, ssib lill-imputat **Carmel sive Charlie Spiteri (ID 387261M)** mhux hati tat-tielet (3) u tar-raba (4) imputazzjonijiet u minnhom tilliberah skond il-ligi; izda ssibu hati tal-bqija u cioe

tal-(1), (2), (5) u (6) imputazzjonijiet u tikkundannah komplessivament ghall-piena ta' disa (9) xhur prigunerija kif ukoll ghall-multa ta' elf u hames mitt euro (€1,500).

Inoltre, il-Qorti tordna l-konfiska skond il-ligi tal-oggetti kollha elevati (inkluz flejjes) u esebiti in atti.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur